# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 2**
**Rikors numru 11/16 AF**

**Il-Pulizija (Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara**

**v.**

**Mario Zammit**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul minn Mario Zammit [l-appellant] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fis-16 ta' Jannar 2017 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) v. Mario Zammit** u li ghadha pendenti, iddikjarat illi ma rrisskontrat l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]. Ghalhekk ordnat li s-sentenza appellata, flimkien mal-atti relattivi jigu rimessi lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri kriminali quddiem dik il-Qorti.

2. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar 2016 ghamlet ir-referenza segwenti sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali:

> "……. akkużat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u dan billi qed jinħoloq preġudizzju għalih meta l-liġi l-ġdida introdotta permezz ta' l-Att numru 1 tal-2015 tikkontempla piena inqas gravuża għall-kummissjoni tar-reat li dwaru ġie akkużat meta il-persuna tiġi ġġudikata wara l-bidu fis-seħħ ta' l-Att quddiem qorti oħra ta' indoli kriminali, u dan għaliex dik il-liġi teskludi mill-applikazzjoni tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali".

**<u>Mertu</u>**

3. In succint, l-appellant qieghed jilmenta minn lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu għal smigh xieraq kif protett bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali citati fir-riferenza, stante li l-beneficju moghti fl-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dependenza fuq id-Droga [Trattament mhux Prigunerija] [l-Att], li dahal fis-sehh bl-Att 1 tas-sena 2015 mhuwiex applikabbli ghal min, bhalu, ikollu proceduri kriminali pendenti fi stadu ta' appell.

4. L-imsemmi Artikolu 8 jipprovdi li, meta persuna akkuzata tkun mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, fuq talba tal-akkuzat, u fejn il-kondizzjonijiet imsemmija f'dak l-artikolu huma sodisfatti, dik il-Qorti li quddiemha jkun tressaq l-akkużat tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, f'liema kaz ikunu applikabbli ghalih il-beneficji kontemplati f'dak l-Att.

5. Fil-kaz odjern, l-appellant kien argumenta quddiem il-Qorti tal-appell li d-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att ghandhom ikunu applikabbli anke meta l-kaz ikun fi stadju ta' appell. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu billi l-ligi l-gdida ma tagħti l-ebda fakolta lill-qorti ta' revizjoni sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Dik il-Qorti ddeċidiet illi d-disposizzjonijiet tal-Att surriferit ma jsibux applikazzjoni fejn persuna tkun diġa ġiet iġġudikata mill-ewwel Qorti, u tkun qeghdha issa fi stadju ta' appell.

6. L-appellant isostni li, il-fatt li hu ser jircevi piena differenti minn dik li tista' tircievi persuna akkuzata bl-istess reati izda li qeghdha tigi ggudidkata quddiem il-Qorti dwar id-Droga, huwa vjolattiv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fil-proceduri kriminali kontra tieghu.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għall-smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għaliex huwa ma jistax jibbenifika minn dak dispost fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Din il-liġi, introdotta permezz tal-Att numru 1 tal-2015, tipprovdi fl-imsemmi artikolu 8 li meta persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, fuq talba tal-akkużat, u fejn il-kundizzjonijiet msemmija f'dan l-artikolu tal-liġi huma sodisfatti, dik il-Qorti li quddiemha jitressaq l-akkużat tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

"Peress illi l-każ tiegħu għadu m'għaddiex in ġudikat għaliex intavola appell mid-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati qabel ma ġiet ippromulgata l-liġi msemmija, ir-rikorrent kien tal-fehma li allura l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tikkunsidra t-talbiet tiegħu taħt l-artikolu 8 tal-Kap. 537 imsemmi sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu permezz ta' digriet datat 16 ta' Diċembru 2015 billi din il-liġi l-ġdida ma tagħti l-ebda fakolta lill-qorti ta' reviżjoni sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet illi dik id-disposizzjoni tal-Kap. 537 surriferit ma ssibx applikazjoni fejn persuna tkun diġa ġiet iġġudikata mill-Ewwel Qorti, liema sentenza iżda ma tkunx għaddiet in ġudikat billi tressaq appell, u dan għaliex f'dak il-każ dik il-persuna ma tistax tiġi kkunsidrata aktar bħala akkużata kif trid il-liġi.

"Dan, fil-fehma tar-rikorrent, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex m'huwiex ser jingħata smigħ xieraq ġjaladarba ser jirċievi piena differenti minn persuna akkużata bl-istess reati iżda li tkun qiegħda tiġi ġġudikata quddiem il-Qorti dwar id-Droga. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta għaliex skont hu, ser jinħoloq preġudizzju fil-konfront tiegħu in vista tal-fatt illi d-disposizzjonijiet tal-liġi introdotti permezz tal-Att numru 1 tal-2015 jikkontemplaw piena differenti għall-kummissjoni tar-reat li dwaru ġie akkużat ir-rikorrent, meta persuna tiġi ġġudikata wara l-bidu li daħal fis-seħħ dan l-att.

"Il-fatti li taw lok għall-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent m'humiex kontestati. Jirriżulta mill-atti tal-kawża li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-sena 2004 akkużat b'reati ta' traffikar u pussess tad-droga eroina kif ukoll illi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-pulizija. Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2014 ir-rikorrent kien irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan wara li l-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsidra t-tweġiba u jerġa lura minnha. Għaldaqstant, u wara li

għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha u tenut kont tal-ammissjoni tar-rikorrent, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lir-rikorrent ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

"Din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk jimporta li l-Qorti referenti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali, qieset li tagħmel ir-referenza wara li waslet għall-konklużjoni li t-talba tar-rikorrent ma kenitx waħda frivola jew vessatorja.

"Il-lanjanza kostituzzjonali hija bbażata fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġi irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

"Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-disposizzjoni rilevanti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li tolqot l-ilment tar-rikorrent tinsab fl-ewwel sub inċiż li jaqra hekk:

> "*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*"

"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid illi din ir-referenza hija intempestiva peress illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma ġewx konklużi.

"Il-Qorti tinnota li b'risposta għall-eċċezzjoni tal-intempestività mqajjma mill-Avukat Ġenerali, ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferenza għall-kwistjoni tan-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedju ordinarju, kwistjoni li hija għal kollox diversa minn dik tal-intempestività li fuqha jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali.

"Il-Qorti tirrileva li filwaqt illi huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kemm f'dik tal-Qrati tagħna li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessita' eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-

totalita tagħha,[1] kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, deċiż fil-11 ta' April 2011, jista' jiġri li episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-Qorti tistenna sakemm jintemmu l-proceduri.

"Fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Settembru 2015 ingħad hekk:

> "*Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni....*"

"B'żieda ma dan, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri tat-22 ta' Frar 2013:

> "*dan il-każ inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet l-ismigħ quddiemha sakemm ikollha t-tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-Ewwel Qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jngħalaq il-proċess kriminali.*"

"Fil-fatt, fil-każ tal-lum kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali stess illi stqarret li:

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-lanjanza tar-rikorrenti tistħoqq stħarriġ kostituzzjonali billi l-inapplikabbilita tal-liġi l-ġdida tad-drogi għal kawżi li għadhom ma għaddewx in ġudikat għaliex pendenti appell jista' jwassal għal diskrepanza fil-piena, (piena aktar gravuża) li tiġi inflitta għar-reati identiċi quddiem qrati differenti. Issa jekk tali lanjanza taqax fil-paramtetri ta' l-artikolu 6 u l-artikolu 39 huwa ġudizzju li għandha tasal għalih il-Qorti Kostituzzjonali u ċertament mhux din il-Qorti."*

"Hekk ukoll, fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2016 ingħad proprju li:

> "*Kif hu saput din ir-referenza qed isir a bazi ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ghalhekk jimporta lil Qorti referenti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qieset li taghmel wara li wasslet ghal konkluzzjoni lit-talba in ezami ma kienetx wahda la frivola jew vessatorja. Rizultat mod iehor kien iwassal ghal cahda minn naha tal-Qorti referenti. Dan il-punt waħdu ġja jinċidi sew fuq din il-vertenza ta' intempestivita' mressqa mill-Avukat Ġenerali. Illi*

[1] **Darren Aquilina vs Onor Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dimech vs Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015 fost oħrajn.

> *ssegwi għalhek li l-Qorti referenti ħasset ukoll dak li hu l-import ta' dan l-allegat ksur.*"

"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ sabiex jiġi determinat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, m'huwiex neċessarju li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70:

> "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall.*"

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ilment tar-rikorrent huwa eżempju tal-eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għall-smigħ xieraq, iridu jiġu kkunsidrati l-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom wara li l-istess proċeduri jkunu konklużi. Dan għaliex l-ilment tar-rikorrent f'dan il-każ jikkonċerna l-fatt illi mhumiex disponibbli għalih id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 u għaldaqstant, f'dan l-istadju tal-proċeduri hija f'waqtha t-talba sabiex il-Qorti teżamina l-ilment tiegħu u ma hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jressaq t-talba tiegħu f'dan is-sens wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali tagħti s-sentenza tagħha. Jirriżulta għalhekk illi r-referenza hija tempestiva għaliex l-eżitu tagħha huwa tali li jimpinġi u huwa deċisiv fuq il-ġudizzju finali. Għaldqastant, l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens qiegħda tiġi miċħuda.

"Imiss issa li jiġi kkunsidrat l-ilment tar-rikorrent li ġie leż il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba l-fatt illi m'humiex applikabbli għalih id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Victor Micallef vs Avukat Ġenerali et deċiża fl-1 ta' Ottubru 1996 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001. Dan il-każ kien jirrigwarda proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent Victor Micallef fejn fil-mori ta' dak il-proċeduri nbidlet il-liġi fis-sens illi reati tad-dwana ma baqgħux aktar kunsidrati reati permanenti iżda għalihom ġiet introdotta preskrizzjoni għall-azzjoni kriminali mid-data tal-importazzjoni u dan permezz tal-Att XIX tal-1985. Din id-disposizzjoni kienet aktar favorevoli għar-rikorrent iżda l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali peress li ma kenitx applikabbli għall-azzjoni li kellha quddiemha dik il-Qorti, liema azzjoni kienet inbdiet fi Frar tal-1984. Ir-rikorrent f'dak il-każ allega li fil-konfront tiegħu seħħet vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Dwar dan l-ilment, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tagħha qalet hekk:

"*Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni illi l-fatt li nbidlet il-ligi "jimplika li l-istat kien qieghed iqassar iz-zmien favorih biex ikun jista' jmexxi b'azzjoni penali." Imma anke li kieku ghal-grazzja ta' l-argument dan kien hekk, applikazzjoni o meno ta' din ir-regola ma kenitx certament timporta xi vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali ta' l-akkuzat imma kienet tikkostitwixxi biss materja ta' applikazzjoni tad-dritt procedurali li taqa' strettament fil-kompetenza tal-qrati kriminali li effettivament hadu konjizzjoni taghha fil-kaz taht ezami w iddeterminawha. Seta' jinghad li kien hemm kwistjoni kostituzzjonali li kieku l-akkuzat sostna li l-emenda legislattiva kellha tigi applikata retroattivament ghaliex - kif jammettu l-istess intimati - ma hemmx dubbju illi l-konsegwenzi ta' dik l-emenda fihom infushom u kkunsidrati oggettivament u isolatament jiffavorixxu u jagevolaw* ***kwalunkwe*** *akkuzat* ***wara*** *li tkun giet fis-sehh dik l-emenda "paragunat ma' kull akkuzat iehor b'akkuza identika* ***qabel*** *ma tkun giet introdotta dik l-emenda.'"*

"*Sottomissjoni simili kienet kieku tisposta t-terren tal-lanjanza kostituzzjonali fuq ir-retroattivita' ta' l-emendi ghal-ligijiet kriminali li jkunu jiffavorixxu l-akkuzat. Imma f'dak il-kaz l-attur kien ikun jehtieglu jinvoka l-protezzjoni tas-subinciz 8 ta' l-Artikolu 39 u ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li jassiguraw li hadd ma jigi akkuzat b'delitt li ma kienx hekk dikjarat b'ligi li kien fil-mument meta gie kommess u li hadd ma jista' jigi assoggettat ghall piena ghola minn dik li setghet tigi fuqu imposta f'dak iz-zmien meta ikkommetta d-delitt.*

> "*"L-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jistabbilixxu illi huwa dritt fondamentali li ebda ligi li tohloq reat jew piena ma jista' jkollha effett retroattiv.*
>
> "*Ir-retroattivita' ghalhekk hija* ***eskluza*** *b'mod assolut in kwantu hija anti-kostituzzjonali u tikser drittijiet fondamentali, f'dawn iz-zewg kazijiet jew tipi ta' retroattivita'.*
>
> "*Is-sentenza appellata korrettement irriteniet illi, fil-kaz prezenti, billi la johloq reat gdid u lanqas piena gdida, l-akkuzat ma jistax jillamenta lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali msemmija f'dawn l-artikoli."*

"*("Il-Pulizija vs Lawrence Cuschieri" - Riferenza Numru 288/90 - 8 ta'Jannar 1992).*

"*L-attur forsi ghax kien a konoxxenza ta' dan l-insenjament ma nvokax il-protezzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet li kienu jidhru l-aktar attinenti ghall-kaz tieghu. Invece ipprova iter iehor ghal kollox improbabbli ghax manifestament infondat. Infatti fl-istess sentenza ta' Cuschieri l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet bhala inaccettabbli s-sottomissjoni illi "l-garanzija kostituzzjonali ma tittutelax biss in non-reita ta' l-akkuzat izda tipprotegi wkoll li ma jinstabx hati in forza ta' disposizzjoni retroattiva tal-ligi." Dan proprju ghaliex gustament irriteniet illi din is-sottomissjoni setghet biss tigi accettata bhala kostituzzjonalment valida jekk il-ligi tkun holqot reat gdid applikabbili retroattivament jew piena gdida applikabbili ghal reat aktar oneruza minn dak li kienet tkun applikabbili fil-mument meta r-reat gie kommess. Il-protezzjoni kostituzzjonali allura ma kenitx testendi ghar-regoli ta' procedura li ma*

*joholqux reati jew pieni godda u daqstant iehor ma tapplikax u ma testendix ghal tibdil fit-terminu tal-preskrizzjoni.*

"*Il-Qorti fil-verita ma tarax f'hiex jista' jilmenta l-attur li certament il-posizzjoni tieghu bl-ebda mod ma giet pregudikata jew aggravata miz-zmien meta hu allegatament ikkommetta r-reat. Jekk il-fatti lilu addebitati jirrizultaw pruvati u fiz-zmien meta kkommettihom kienu jikkostitwixxu reat, daqstant iehor ghandhom ikunu hekk rikonoxxuti llum. U jekk ghal dak ir-reat il-ligi kienet tikkontempla certa piena dik il-piena llum certament ma gietx mizjuda jew saret aktar gravuza. Kif inghad kemm is-subinciz 8 ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jaghtu certa protezzjoni kontra r-retroattivita' tal-ligi kriminali. Pero' "Article 7 applies where a change in the law occurs retroactively "to the detriment of the accused". What it does not do is guarantee that the accused has the benefit of any alteration in the law to his advantage that takes place between his act or omission and his trial." (Law of the European Convention on Human Rights - Harris, O'Boyle & Warbrick - 1995 p. 274 et seq.).*

"*Dana mhux biss ghall-fini tar-reita imma wkoll ghall-fini tal-piena. Hu car infatti illi kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jezigu li r-reita o meno ta' persuna akkuzata b'delitt ghandha tigi kristalizzata fil-mument fiz-zmien meta r-reat gie allegatament kommess. Il-protezzjoni kostituzzjonali testendi biss u gustament biex tassigura li persuna li tikkommetti l-fatt delitwuz ikollha l- konoxxenza illi dak il-fatt li jkollha hsieb li tikkommetti w effettivament tikkommetti jkun jikkostitwixxi reat skond il-ligi f'dak iz-zmien u li ghal tali kommissjoni hu kien ser ikun passibbli ghal certa piena ben determinata f'parametri li ma setghux jigu aggravati. Jigifieri l-protezzjoni kostituzzjonali testendi ghal dawk il-principji kardinali ta' dritt minn sekli rikonoxxuti "nullum crimen sine lege" u "nulla poena sine lege".*'

"Il-Qorti Kostituzzjonali imbagħad qalet hekk:

"*It-tielet ostakolu imbaghad illi ghandu l-appellant ghall-azzjoni tieghu huwa l-ahhar wiehed mill-aspetti trattati fis-sentenza appellata bl-iktar mod lucidu possibbli u cioe' illi l-fatt illi fil-mori ta' proceduri titbiddel il-ligi b'mod vantaggjuz, ma jfissirx illi awtomatikament hemm id-dritt ta' kull min ikollu kaz pendenti istitwit taht id-disposizzjoni tal-ligi precedenti illi jibbenefika mit-tibdil vantaggjuz. Id-dritt vantat mill-appellant, kif spjegat fis-sentenza appellata, u kif jidher ukoll mic-citazzjonijiet minn awturi awtorevoli fuq il-materja, sempliciment ma jezistix. Kien jezisti d-dritt kieku giet applikata fil-konfront tieghu ligi sostantiva retroattivament li kienet taggravalu s-sitwazzjoni. Pero', ma jistax jippretendi li ligi li saret biex tirregola l-istituzzjonijiet ta' kawzi simili ghal tieghu, imma minn data sussegwenti ghal dik li fiha giet istitwita tieghu, u ghal meta huwa kkommetta r-reati addebitati lilu, ghandha tapplika a vantagg tieghu.*' (Enfasi ta' din il-Qorti).

"Applikat dan l-insenjament għall-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti llum, il-Qorti tqis mal-ewwel li l-liġi in kwistjoni titkellem ċar u tond fuq persuna akkużata u għaldaqstant, ma hemmx dubbju li ma tapplikax għall-każ tar-rikorrent li ma jistax jiġi kkunsidrat bħala akkużat in kwantu li fil-konfront tiegħu diġa ngħatat sentenza mill-Qorti

tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mid-diċitura tal-liġi ma jirriżultax illi din ssib applikazzjoni għall-persuni li jinsabu fi stadju ta' appell.

"Madanakollu dan ma jfissirx li fil-proċeduri kriminali li għaddej minnhom ir-rikorrent huwa mhuwiex ser ikollu smigħ imparzjali. Id-dritt ta' smigħ xieraq jirrigwarda l-mod kif jitmexxa l-proċess ġudizzjarju quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tinġieb quddiem dik il-Qorti jew li l-persuna tiġi applikata fil-konfront tagħha xi liġi partikolari. L-ilmenti tar-rikorrent ċertament ma jimpinġux fuq il-kunċett ta' smigħ xieraq kif enunċjat fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea u kif interpretat fil-ġurisprudenza kopjuża kemm nostrana u kemm dik ta' Strasbourg.

"Il-fatt illi ġiet introdotta liġi ġdida li m'hijiex disponibbli għar-rikorrent u li b'applikazzjoni tagħha, ir-rikorrent seta', f'każ illi l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, jirċievi piena differenti, ma jilledix id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Id-dritt għal smigħ xieraq ma jipprovdix għal xi garanzija li persuna li tkun wettqet reat tibbenifika minn tibdil fil-liġi li sseħħ wara li l-persuna tkun ġiet iġġudikata bħal ma qiegħed jippretendi r-rikorrent fil-każ odjern.

"Kif jgħidu l-awturi Harris, O"Boyle & Warbrick fil-ktieb 'Law of the European Convention on Human Rights' (Tieni Edizzjoni) f'paġna 202:

> "*The Court also allows states a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate, for example in the rules of evidence that they use. A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations or result as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial*."

"Is-smigħ xieraq jiddependi mill-iter proċesswali adoperat fil-kuntest ta' persuna li tkun għaddejja minn proċeduri kriminali. Ma kien hemm xejn fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti tal-Appell Kriminali li seta' jwassal għal leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq tar-rikorrent. F'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma ntwera li sar xejn li s'issa jixhed li r-rikorrent ġarrab jew sejjer iġarrab xi ksur ta' smigħ xieraq minħabba xi irregolarita' fil-proċedura adoperata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti tal-Appell Kriminali.

"Il-Qorti tqis illi meta l-Konvenzjoni Ewropea titkellem dwar il-jedd ta' persuna li taċċedi għal qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'liġi, dan ifisser li l-Konvenzjoni tiggarantixxi li l-każ ta' dik il-persuna jinstema' minn qorti mogħnija b'dawk il-kwalitajiet (Claudio Porsenna vs Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' April 2011 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012). Din il-Qorti ma jidrilhiex li l-jedd ta' aċċess effettiv għal qorti f'każi ta' proċeduri kriminali tinkludi fiha l-jedd tal-persuna, f'dan il-każ ir-rikorrent, li jibbenifika minn disposizzjonijiet tal-liġi ġodda kif

lanqas ma tinkludi fiha l-jedd li l-liġi penali hija l-istess quddiem il-Qrati kollha ta' indoli kriminali.

"Fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, jirriżulta li huwa ngħata l-garanziji kollha li jridu dawn l-artikoli u ma nġiebet l-ebda prova illi r-rikorrent kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji. Din il-Qorti tqis li mkien f'dawn l-artikoli kif konsistentement interpretati ma tingħata l-garanzija li persuna ser tibbenefika minn tibdiliet li saru fil-liġi wara li hija tkun ikkomettiet dak ir-reat jew wara li tkun diġa ngħatat sentenza fil-konfront taghha.

"Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom jinsab mixli r-rikorrent hija ċara. Hija l-istess ligi in vigore meta gie kommess ir-reat u tgħodd għal kull min fil-konfront tiegħu jittieħdu proċeduri kriminali. Daqstant ieħor id-dritt proċedurali huwa wkoll ċar u determinat u jgħodd ukoll għal kull min fil-konfront tiegħu ngħatat sentenza fl-ewwel istanza.

"Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ John Grech Sant vs Avukat Ġenerali deċiż fit-8 ta' Frar 2010, b'referenza wkoll għall-każistika tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi biss smigħ xieraq u mhux ukoll piena ġusta.

"Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ jirriżulta li r-rikorrent kien irreġistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk, huwa kien konxju f'dak l-istadju li tal-inqas kien ser jeħel il-piena minima bħal ma fil-fatt ġie kkundannat, u għaldaqstant, ċertament li ma jistax jingħad illi r-rikorrent ma kellux ċertezza legali.

"Kif sewwa jissottometti l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, f'dan il-każ jirriżulta li r-rikorrent tpoġġa taħt akkuża abbażi tal-provvedimenti tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli li tagħhom instab ħati u l-piena għal dawn ir-reati kienu jeżistu kemm fil-mument meta twettaq ir-reat kif ukoll fil-mument meta ħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu. Dan ifisser li r-rikorrent fl-ebda stadju ma ġie espost għall-piena aktar severa mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien illi ġie magħmul u għalhekk lanqas ma jista' jingħad għall-grazzja tal-argument li l-ilmenti tar-rikorrent jistgħu jiġu kkunsidrati taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni li jipprovdi li m'għandu jkun hemm l-ebda piena mingħajr liġi. Dan għaliex dan l-artikolu ma jipprovdix għall-sitwazzjoni fejn tiġi ntrodotta liġi li tkun ta' benefiċċju għall-persuna li tkun diġa għaddejja minn proċeduri kriminali, iżda fis-sitwazzjoni inversa u ċjoe fejn jinbidlu l-liġijiet penali b'mod illi dak ir-reat ikun jattira piena akbar minn dik li kienet applikabbli biż-żmien meta seħħ ir-reat.

"Il-Qorti tinnota wkoll illi r-referenza li jagħmel ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu għall-kawża fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Rafal Zelbert, deċiża fis-16 ta' Marzu 2014 hija għal kollox irrelevanti għall-mertu tar-referenza de quo. Fil-każ tal-lum ma qamet l-ebda kwistjoni dwar prevedibbilta' jew '*forseeability*' li dwarha titkellem is-

sentenza ta' Zelbert li kienet tirrigwarda d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jressaq persuni akkuzati bi traffikar jew pussess ta' droga biex jinstemgħu jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew quddiem il-Qorti Kriminali.

"Din il-Qorti għalhekk tqis illi ma seħħet ebda leżjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq.

"Ir-rikorrent iqanqal ukoll il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni u fil-fatt jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Inze vs Austria deċiża fit-28 ta' Ottubru 1987. Minkejja li jidher li l-qofol tal-ilment tar-rikorrent huwa li m'huwiex ser jingħata '*fair trial*' għaliex mhux ser ikun trattat bħal ħaddieħor, ma jirriżultax illi huwa qiegħed jinvoka l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li dwaru kienet titkellem is-sentenza ta' Inze msemmija, flimkien mad-dritt fundamentali ta' protezzjoni tal-proprjeta.

"Fi kwalunkwe każ, l-ilment tar-rikorrent xorta waħda ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għaliex f'dan il-każ il-Qorti ma rriżultalhiex illi seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-smigħ xieraq. Propju dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiiet Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali, deċiża fis-27 ta' April 2006, fejn ingħad hekk:

> "*Interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu trid illi l-interpretu jżomm quddiem għajnejh żewġ konsiderazzjonijiet.*
>
> "*L-ewwel waħda hija illi dan l-artikolu ma jagħmilx projbizzjoni assoluta kontra kull diskriminazzjoni, iżda jipprojbixxi biss diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Għalkemm biex ikun hemm ksur ta' dan l-artikolu ma hux meħtieġ li jkun hemm ksur ta' xi dritt jew libertà mħarsa taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni – għax inkella dan l-artikolu jkun żejjed u ma jżid xejn mal-garanziji li tagħti l-konvenzjoni – madankollu min igħid li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu jrid juri li dik id-diskriminazzjoni kienet fit-tgawdija ta' xi dritt jew libertà mħarsa taħt il-Konvenzjoni:*
>
> > "*29. Article 14 (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not necessarily presuppose a breach of those provisions - and to this extent it has an autonomous meaning -, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (**Rasmussen kontra d-Danimarka**, Q.E.D.B. 28/11/1984.)*
>
> "*It-tieni prinċipju hu illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, dan l-artikolu jħares kontra diskriminazzjoni għal xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu, u mhux kontra kull differenza fi trattament:*
>
> > "*72. The Court reiterates that Article 14 (art. 14) affords protection against discrimination in the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by*

> *the other substantive provisions of the Convention. However, not every difference in treatment will amount to a violation of this Article (art. 14). Instead, it must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment, and that there is no reasonable or objective justification for this distinction (**Stubbings kontra r-Renju Unit**, Q.E.D.P. 22/10/1996).*"

> "Għaldaqstant, u in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula, il-Qorti ssib illi ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea".

**L-Appell**

8. L-aggravji tal-appellant jistghu jigi sintetizzati hekk: (1) illi huwa talab li ssir din ir-riferenza propju ghaliex hass li ma kellux rimedju iehor sabiex jindirizza l-ilment tieghu u huwa ghalhekk li hu qed ifittex rimedju taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u, (2) illi l-ewwel Qorti ma fehmitx l-ilment tieghu meta stqarret li la l-ligi l-gdida ma holqot ebda reat jew piena gdida, allura ma jistax jinghad li l-appellant mhux ser ikollu smigh xieraq.

7. Ghalhekk qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li effettivament l-appellant qed jigi privat mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq in vista tal-fatt li l-Artikolu 8 tal-Att fuq indikat ma japplikax ghalih u, wkoll sabiex taghti dawk ir-rimedji opportuni, inkluz dak li tordna lill-Legislatur jippromulga emenda ghall-imsemmi Att b'dana illi d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkunu applikabbli wkoll ghall-Qorti tal-Appelli Kriminali.

8. L-appellat Avukat Generali jwiegeb b'risposta datat 2 ta' Frar 2017, fejn ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, jissottometti illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

9. Permezz tal-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jissottometti li hu kien irrikorra ghall-proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghax ma hemm rimedju ordinarju ghall-ilment tieghu. L-inezistenza ta' tali rimedju ghandha tirrizulta lil din il-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u oggettiv.

10. Ikompli jispjega hekk l-aggravju tieghu:

> "F'kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f'kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-ezercizzju tas-setgha taghha. Id- diskrezzjoni li l-Qorti ghandha trid titwettaq b'mod korrett u tkun mmirata lejn l-iskop tal-legislatur, u cioe' li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, fl-istess waqt persuna ma tinzammx milli tipprocedi b'azzjoni bhal din tal-lum meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jista' jimplika l-ksur ta' jedd fondamentali.
>
> "Ghalhekk id-diskrezzjoni ghandha tkun uzata dejjem fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex minn naha wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni kif l-appellant ihoss li huwa l-kaz odjern.

> "L-esistenza ta' rimedju iehor ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci. Diversi kienu s-sentenzi tal- Qorti Kostituzzjonali fejn kien determinati l-principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv.

11. L-Avukat Generali [l-appellat] iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jissottometti illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa kompletament irrelevanti ghall-kaz odjern stante li l-eccezzjoni minnu mressqa quddiem l-ewwel Qorti kienet dik tal-intempestivita' tat-talba ghar-riferenza peress li l-proceduri kriminali kellhom jitqiesu fit-totalità taghhom. Kienet din l-eccezzjoni tal-intempestivita' li giet michuda mill-ewwel Qorti u li dwarha ghalhekk hemm decizjoni. Tant li quddiem l-ewwel Qorti ma tqajjmitx l-eccezzjoni tan-non ezawriment tar-rimedju ordinarju li ma kien hemm ebda pronunzjament da parti tal-ewwel Qorti fuq dak il-punt. Ghalhekk dan l-aggravju huwa totalment irrelevanti ghall-finijiet tal-appell odjern.

12. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li, b'risposta ghal dak sottomess fin-nota tal-appellant dwar in-non ezawriment tar-rimedju ordinarju l-ewwel Qorti gustament osservat li din l-eccezzjoni ma kenitx giet sollevata mill-appellat fir-risposta guramentata tieghu u tosserva

ulterjorment li din il "*kwistjoni hija ghal kollox diversa minn dik tal-intempestivita' li fuqha jibbaza' l-eccezzjoni tieghu l-Avukat Generali*".

13. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u jirrazzenta l-fieragh, u ghalhekk qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

14. F'dan l-aggravju, l-appellant jilmenta illi l-ewwel ma fehmitx l-ilment tieghu, li huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Artikolu 8 tal-Att li jibbenefikaw minnu nies imressqa l-qorti akkuzati bl-istess reati bhall-akkuzat, ma japplikax ghalih, u dan ghaliex il-kaz tieghu jinsab fi stadju ta' appell. Isostni li ghalhekk jirrizulta li b'din id-disposizzjoni tal-ligi, jekk akkuzat ikun ghadu quddiem l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ikollu l-opportunità li jidher quddiem il-Qorti dwar id-Droga, filwaqt li jekk il-kaz tieghu jkun wasal fi stadju tal-appell, din id-disposizzjoni ma tapplikax.

15. Jikkwota minn *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* fejn il-gurista Karen Reid issostni, fost affarijiet ohra, illi d-dritt ta' smigh xieraq ma jiggarantix biss il-korrettezza tas-sentenzi in mertu izda anke l-aderenza ma' certi principji procedurali li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.

16. Ikompli jispjega hekk l-aggravju tieghu:

> "Ir-rikorrent qieghed jilmenta illi bil-fatt illi huwa ma hux qed jinghata mill-Istat il-fakolta li jidher quddiem Drug Court kif del resto jidhru akkuzati bhalu li l-kaz taghhom ghadu quddiem l- Qorti tal-Magistrati sehhet lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni u dan ghaliex qed jigi trattat b'mod differenti u ghalhekk il-piena li din il-Qorti tista teroga ukoll tista tkun differenti bi pregudizju ghalih. Dan ghaiex l-ligi tad Droga hija dragunjana fis-sens li tipprovi b'mod tassattiv perijodu minimu ta prigunerija fkaz ta' sejbien ta' htija fuq traffikar anke jekk l-ammont huwa zghir. Pero fl-istess hin bl- applikazzjoni tal artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal -Ligijiet ta Malta l- istess pesuna li tinstab hatja ta' traffikar ta' droga tista tidher quddiem id-Drug Court u una volta tikkonvinci il-Bord ta' rijabilitazzjoni li m'ghadx ghandha il-problema jew ahjar vizzju ta' abbuz ta droga allura tista ma tigix ikkundannata prigunerija".

17. L-Avukat Generali jwiegeb hekk ghal dan l-aggravju:

> "Illi l-appellat jirrileva li l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija) (Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li f'kaz li l-kwantita' ta' droga nvoluta hija tali li ma teccedix l-ammont li ghalih hemm riferenza fir-Raba' Skeda tad-Dangerous Drugs Ordinance (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u cioe' ma jeccedix l-ammont ta' 300 gramma cannabis u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tkun sodisfatta li l- kundizzjonijiet imposta fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu jkunu sodisfatti u wara li tisma's-sottomissjonijiet tal-akkuzat u l-prosekuzzjoni u dawk ix-xhieda li jidhrilha xierqa u wara konsultazzjoni tad-Drug Offenders Rehabilitation Board tista' tikkonverti ruhha u tassumi l- funzjonijiet ta' Drugs Court. Illi dan l-artikolu 8 jirreferi b'mod generiku ghall-persuni mixlija b'reati kontra l-ligijiet ta' droga u ghalhekk f'kaz li persuna akkuzata jimexxila tissodisfa lill- Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'dak stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta l- istess persuna tkun tista' tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-istess artikolu. Illi gialadarba l- Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss ghall-ewwel stadju u cioe' meta l- proceduri jkunu ghadhom quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dak stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 ma jistax jigi invokat fl-istadju ta' appell.
>
> "Illi kienet korretta l-Ewwel Qorti meta osservat li bil-promulgazzjoni tal-Att I tal-2015 bl-ebda mod ma gie lez id-dritt ta' smigh xieraq garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress li

r-reaita' o meno ta' persuna akkuzata b'delitt tigi kristallizzata fil-mument taz-zmien meta r-reat gie mwettaq. Il-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali testendi biss u gustament biex tizgura li persuna li twettaq il-fatt kriminali jkollha l-gharfien li dak il-fatt li jkollha hsieb li twettaq u effettivament twettaq ikun jikkostitwixxi reat skont il-ligi penali f'dak iz-zmien u li ghal tali kommissjoni l-persuna tkun ser tkun passibbli ghal certu parametri ta' piena (ara Victor Micallef vs L-Avukat Generali et deciza mill-Prim Awla tal- Qorti Civili (sede kostituzzjonali) tal-1 ta' Ottubru 1996 li giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001.

"Illi fil-kaz odjem, fis-sena 2004, l-appellant tpogga taht akkuza abbazi tal-provvedimenti tal- Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikoli li taghhom instab hati l-appellant kienu jezistu kemm fil-mument meta twettaq l-allegat reat kif ukoll fil-mument meta hargu l-akkuzi in konfront tal-appellant. Illi minkejja li permezz tal-Att I tal-2015, ir-reat li bih l-appellant kien instab hati sar jattira piena anqas gravuza minhabba tibdil fil-ligijiet li sehhew wara li kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-ebda mod ma tmur kontra l-garanziji tas-smigh xieraq. Lanqas il-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tista' taghti pieni li jistghu jinghataw mill-Qorti dwar id-Droga bl-ebda mod ma jilledi l- garanziji ta' smigh xieraq. Illi certament li d-dritt ghal smigh xieraq ma jipprovdix ghal xi garanzija li persuna li tkun wettqet reat tibbenefika minn tibdil fil-ligi li jsir wara (ara La Petit v. UK - applikazzjoni numru 35574/97) li persuna tkun giet akkuzata b'tali reat.

"Illi huwa importanti wkoll il-fatt li l-appellant kien irregistra ammissjoni quddeim il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn b'konsegwenza ta' tali ammissjoni ifisser li fuq ir-reat li jirrigwarda d-droga biss kien zgur li l-appellant kien ser jehel minimu ta' sitt xhur prigunerija effettivi (u massimu ta' ghaxar snin prigunerija effettivi). Illi mill-atti processwali penali jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ikkundannatu l-minimu assolut tal-peina applikabbli skont il-ligi.

"L-appellat jirrileva li l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma jincidix fuq id-dritt ta' l- akkuzat protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. In fatti, l- appellant gie mressaq quddiem qorti stabbilia bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jirregolaw il-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tingieb quddiem il-Qorti jew li tigi applikata fil-konfront ta' persuna ligi partikolari jew piena partikolari. Sew quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanziji kollha li jahsbu ghalihom dawn l-artikoli. Illi mkien f'dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali ma tinghata garanzija illi l-persuna ghandha tinghata xi piena ridotta f'kaz ta' sejbien ta' htija.

"Illi minn ezami tal-Aritkolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni flimkien mal-gurisprudenza relattiva ghal dawn iz-zewg artikoli johrog bic-car li dak li qed jillamenta minnu l-appellant ma jregix. Illi dawn iz-zewg artikoli jahsbu biss ghall-garanziji ta' natura procedurali u fl-ebda punt ma jidhlu fis-sustanza tal-mertu fis-sens liema ligi ghandha tapplika fil-kaz partikolari.

"Illi kif ben osservat l-Ewwel Qorti *"Is-smigh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fd-kuntest ta'persuna li tkun ghaddejja minn proceduri kriminali. Ma kien hemm xejn fil-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti tal-Appell Kriminali li seta 'jwassal ghal lezjoni tad-dritt tas-smigh xieraq tar-rikorrent. F'dan il-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, ma ntwera li sar xejn li s 'issa jixhed li r-rikorrent garrab jew sejjer igarrab xi ksur ta ' smigh xieraq minhabba xi irregolarita 'fil-procedura adoperata quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti tal-Appell Kriminali".* Illi certament li d-dritt ghal smigh xieraq ma jirreferix ghad-dritt sostantiv li tahtu l-individwu jigi akkuzat. Illi d-dritt ta' smigh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-prowedimenti tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u la darba tinhareg akkuza, il-process gudizzjarju huwa protett bil-ligijiet li jiggarantixxu smigh xieraq ghall-akkuzat. Illi l-appellant mhuwiex qed jilmenta minn xi nuqqas li jahseb ghalih l- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta izda qed jilmenta purament fuq in-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-proceduri li jkunu pendent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena applikabbli f'kaz li persuna tibbenefika mill-Artikolu 8 tal- Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kawza fl-ismijiet **David Caruana vs L-Avukat Generali et** (rikors kostituzzjonali 3/13) deciza fis-27 ta' April 2016 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) ippronunzjat ruhha b'referenza ghall-lanjanza mibnija fuq l-Artikolu 3 tal- Konvenzjoni fejn osservat illi "Illi dan l-artikolu jirreferi b 'mod generiku ghall-persuni mixlija b 'reat kontra l-Ligijiet ta'droga u ghalhekk f'kaz li r-rikorrenti jirnexxilu jissodisfa lill-Qorti ta ' Gudikatura Kriminali b'dak stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess rikorrenti jkun jista 'jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-istess artikolu. Illi l-intimati jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Salvatore Oliveri vs l-Avukat Generali"** (rikors numru 89/2013) moghtija fit-8 ta' Gunju 2015: 'Meta l-Qorti hadet kont ta' kollox, in partikolari l- aspetti oggettivi tal-kwistjoni, mhijiex tirriskontra trattament inuman u/jew degradanti fir-ragunijiet li gab ir-rikorrent biex isostni l-lanjanza tieghu. Bil-fatt li l-piena ghall-koltivazzjoni tal-cannabis hija l-istess bhall-piena ghal traffikar tad-droga mhuwiex prova ta' trattament inuman u/jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex trattament jitqies inuman, u allura sabiex il-piena titqies inumana, is-sofferenza mentali jew fizika li ggib maghha dik il-piena trid tkun tant severa li tinneccessita l-intervent tal-Qorti. Sabiex trattament ikun degradanti irid ta' bilfors jumilja gravement lill-persuna quddiem l-ohrajn jew iggieghlu jagixxi kontra l-

volonta’ jew il-kuxjenza tieghu. Fil-kaz tal-llum, l-ekwiparazzjoni tal-piena m’ghanhiex dawn il- konsegwenzi. Piena karcerarja dejjem iggib maghha konsegwenzi pew ‘ dak ma jfissirx li l- piena hija out of pwportion. Wara l-kundanna, u waqt li tkun qeghda tigi skontata l-piena, l- Istat ikun u jibqa’obbligat li jiggarantixxi d-dinjita’tal-persuna karcerata’. Illi f’dan l-isfond, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjonijiet tal-intimati (fol 8) li l-artikolu tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta ‘ Malta in skrutinju ma jikkwalifikax bhala li jesponi lir-rikorrenti ghal trattament inuman u degradanti fil-lixelli stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni ta’Malta”.

“Illi l-fatt li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta m’humiex applikabbli ghall- Qorti tal-Appell Kriminali bl-ebda mod ma jwassal ghall-konsegwenza ghall-lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-appellant u dan peress li l-garanziji mahsuba fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiggamtux li persuna ghandha tibbenefika minn tibdil fil-ligi li jsehh wara li l-persuna tkun giet akkuzata b’reat izda jigarantixxu protezzjonijiet ohra - garanizji li kollha qeghdin jigu mharsa kemm fil-proceduri li quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorit ta’ Gudikatura Kriminali kif ukoll fil- proceduri li jinstabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali”.

18. Din il-Qorti tibda billi ticcita l-artikolu relevanti ghal dawn il-proceduri, l-Artikolu 8 (1) tal-Att li jipprovdi hekk:

“(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b’reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta’ kwantità ta’ droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta’ droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba’ Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba’ Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha bħala kwantità ta’ droga li tindika lil-persuna akkużata m’għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta’ xi reat ligħalih hemm piena ta’ mhux aktar minn seba’ snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista’, wara li tisma’ s-sottomissjonijiet magħmula f’isem il-persuna akkużata u f’isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma’ kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema’ u wara li tikkonsulta mal-Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga”.

19. B’hekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali, mhux necessarjament fl-ewwel stadju tal-proceduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiziti stipulati fl-istess artikolu, ghandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga bil-ghan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkuzat b’reati konnessi mad-droga. Permezz ta’ din il-procedura l-akkuzat ikun jista’ jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku gie gudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bhal fil-kaz prezenti jsir appell.

20. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, minkejja li t-termini tar-referenza huma cirkoskritti ghad-dritt ta’ smigh xieraq, id-determinazzjoni ta’ din il-vertenza tinnecissità li tigi ezaminata l-pozizzjoni legali ta’ Mario Zammit fl-ambitu wkoll tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li Mario Zammit kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fis-sena 2004 u ghalhekk ferm qabel ma dahal l-Att fis-sena 2015. Ghalhekk, meta hu ddecieda li jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, bl-isperanza li l-qorti takkordalu l-minimu tal-piena, huwa ma setax kien jaf li pendenti l-proceduri ser tigi promulgata ligi li tiffavorixxi l-pozizzjoni ta’ min kien akkuzat bhalu b’reati konnessi mad-droga.

21. Fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, fil-kaz **Scoppola v. Italy**[2] l-Qorti Ewropea biddlet il-pozizzjoni li kienet hadet precedentement u osservat li:

> "106 ……………that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law….
>
> "107 ……………. in prohibiting the imposition of a 'heavier penalty …. than the one that was applicable at the time the criminal offence was commited', paragraph 1 in fine of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence prescribed by legislation subsequent to the offence.
>
> "109………….. the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant".

22. B'applikazzjoni tal-premess din il-Qorti tosserva li, ladarba bl-introduzzjoni tal-Att tas-sena 2015, min bhal Mario Zammit kien tressaq quddiem il-Qrati Kriminali akkuzat b'reati konnessi mad-droga u l-proceduri ghandhom pendenti, jista' jekk jikkonkorru c-cirkostanzi indikati fl-Artikolu 8 tal-Att, jibbenefika minn trattament u piena anqas, u l-beneficju li taghti dik il-ligi ghandu japplika retrospettivament favur Mario Zammit. Dan huwa relevanti hafna fil-kaz odjern fejn Mario Zammit, li ma setghex kien jaf b'dak il-beneficcju li issa hu intitolat ghalih retrospettivament, ammetta ghall-akkuzi ghar-raguni fuq spjegata.

---

[2] Appl.10249/03 [GC], deciza 17 Settembru 2009

23. Fil-fattispeci ta' dan il-kaz din il-Qorti ma tirravizax xi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni izda, ghalkemm ir-riferenza li saritilha mill-Qorti riferenti kienet limitata ghall-Artikolu 6 din il-Qorti, in kwantu Qorti Kostituzzjonali, ghandha s-setgha li tissenjala lill-Qorti riferenti l-potenzjal ta' ksur ta' xi artikolu tal-Konvenzjoni divers minn dak imsemmi mill-Qorti riferenti fl-ordni ta' riferenza taghha.

24. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi ma jistax validament jinghad li s-sitwazzjoni legali introdotta bl-Att fuq indikat ma affettwatx id-dritt tieghu taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk jekk f'dan l-istadju, ir-rikorrent jigi mcahhad mid-dritt procedurali li jinvoka l-Artikolu 8 fuq imsemmi minhabba li kien irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati, meta dan id-dritt hu applikabbli ghall-persuni akkuzati b'reati tal-istess tipi u li l-kaz taghhom ghadu pendenti, huwa ser isofri vjolazzjoni tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigi milqugh, b'dan li l-vjolazzjoni potenzjali riskontrata hi tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni minflok tal-Artikolu 6.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil-konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan l-istadju ta' appell jkun leziv tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Tordna li l-atti odjerni jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri quddiem dik il-Qorti fid-dawl ta' dak fuq deciz.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb